# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sebgha (7/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Hamis 14 ta’ Lulju 2015, fl-4.00pm, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUZAT: | Francis Callus | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Vici Sindku Francis Callus cempel qabel il-laqgha biex jiskuza ruhu u ghamel talba biex ikun skuzat mil-laqgha. Qal illi ma setax jattendi biex iwettaq xoghol li ghandu x’jaqsam mad-dekasteru tieghu peress illi rcieva talba biex jghin lil persuna anzjan li kellu bzonnu. Il-Vici Sindku kien skuzat mil laqgha mis-Segretarju Ezekuttiv u mis-Sindku.

3. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**4. Punti mill-Minuti**

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur ghandu jigi jsewwi l-AC's nhar il-Hamis (ref punt 4.2). Qal illi qed iressaq dan il-punt peress illi l-Vici Sindku kien talab l-informazzjoni meta kienu fuq it-telefon qabel il-laqgha.

4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Head Kowc ghandu l-licenzja C u li dan gab il-licenzja sena ilu. Il-kowces l-ohra ghandhom is-CYF. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Head Kowc kien ha l-kariga minghajr il-licenzji necessarji. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk dan ghandu l-licenzja necessarja ghal kariga issa fil-prezent. Is-Sindku ghamel talba biex ma jkunx hemm disgwit fuq dawn l-affarijiet issa li l-persuna ghandu l-licenzji necessarji. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ressaq dan il-punt wara li gie mitlub mill-kunsillier Carlo Stivala waqt il-laqgha precedenti.

4.3 Is-Sindku qal illi wiehed mill-kowces mhux se jkun jista jkompli jaghti sehmu bhal ma kien qabel u ghalhekk se jkun jista jahdem inqas sighat matul l-istagun illi gej. Is-Sindku qal illi minfloku persuna mill-lokal illi beda jahdem biex jakwista l-licenzji neccessarji biex kun jista jsir kowc tan-Nursery. Bhala spejjez il-Kunsill mhu se johrog xejn iktar milli qed johrog bhalissa peress illi l-kowc il-gdid, is-sur Kurt Camilleri Cutajar, se jiehu ftit sighat minflok is-sur Henry-Franz Gauci.

4.4 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u mal-kunsillier Carlo Stivala, iltaqa ma rapprezentanti ta' Transport Malta dwar sistema gdida ta' Traffic Management. Ghamel referenza ghal punt 6.4.3 tal-Minuti fejn qal illi hadna l-opportunita biex nistaqsu lil dawn in-nies dwar x'ghandna naghmlu rigward il-kaxxi tal-parking li saru f'triq San Gorg, kif ukoll affarijiet ohrajn li ghandhom x'jaqsmu mal-parkegg madwar ir-rahal. Huma avzaw lil Kunsill biex jaghmel "dotted white lines" u karrozzi jipparkjaw hemmhekk skond l-ispazju li hemm vojt. B'hekk tlieta jew erbgha karrozzi joqoghdu komdi.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn illi ssir double yellow f'triq San Gorg, faccata fejn se jsiru d-dotted lines bojod. L-istess kunsillier qal illi hu ma kienx kontra l-parking bays illi saru fit-triq, izda li dawn saru minghajr il-kunsens tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel illi naghmlu dak illi ssuggerixxu TM.

4.5 Is-Sindku qal illi l-Head Kowc qal illi minn dejjem saru hekk it-tokens {ref punt 7.13) izda qabel illi fil-futur nibdew niktbu "Hal Safi Local Council Football Nursery".

4.6 Is-Sindku kkonferma li l-bozza f'triq San Frangisk qeghda tahdem {ref punt 7.16}

4.7 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li ltaqghu ma wiehed mill-kuntratturi potenzjali ghat-tender tas-soft areas {ref punt 7.17}. Hadna ideja tax-xoghol illi jista jsir madwar ir-rahal. Il-Kunsill qabel ukoll illi jinbidlu tlett qsari fil-pjazza, waqt illi l-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi wahda minnhom {quddiem is-sorijiet} ghandha titressaq naqra ghax wheelchairs ma jghaddux minn hemm.

4.8 Is-Sindku, b'referenza ghall-punt nru. 7.18, qal illi zbir tas-sigar se jkun f'idejn il-kuntrattur illi jiehu l-kuntratt tas-soft areas. Is-Sindku qal illi hemm bzonn zbir tas-sigar tal-bandli u l-Kunsill se jara jekk il-handyman jista jaghmel dan ix-xoghol.
Is-Sindku qal hemm bzonn illi jinbidlu l-pots ezistenti f'triq iz-Zurrieq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fis-sajf dawn ghandhom bzonn ilma kuljum.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm dizastru fil-gnien ta' T'Amparell. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-gardinar mar fuq il-post. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ikonferma li dan kien qieghed hemm izda hemm bzonn tal-uzu ta' mutur tal-haxix. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'dan il-kaz ghandhom imorru l-haddiema tal-ETC. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi huwa important hafna li ssir kinsa fl-area ghax hemm il-perikli.

4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi x-xoghol li se ssir vis-a-vis it-twieqi tal-Public Convenience m'ghadux l-istess bhal dak li gie pprezentat f'punt nru. 7.20 tal-laqgha precedent, izda li dan ix-xoghol se ssir minghajr il-loovers ghall-prezz ta hamsin ewro.

4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ikonferma li ta l-approvazzjoni lil Blood Donation Unit wara li ghamlu talba ghall-permess biex jiehdu 8 postijiet ta' parkegg fil-Pjazza nhar il-Hadd 19 ta' Lulju. Mhux se jkun hemm marking bejn is-7am u 2.30pm.

**5. Payment Approval Sheet**

5.1 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat u ffirmat.

**6. Skema Accessibilita A+**

6.1 Is-Sindku qal illi kultant ir-Regjun johrog skema ghall-kunsilli u hargu wahda gdida bl-ghan illi ntejbu l-accessibilita ghan-nies b'dizabilita. Hemm massimu ta' 1500 ewro. Is-Sindku semma postijiet illi ghandhom bzonn access ahjar: hemm bzonn ta' rampa fl-iskola {fejn imorru jivvutaw in-nies}, rampa fil-bitha tal-iskola, rampa ghal librerija u hemm dik ukoll illi saret fic-cimiterju. Il-Perit kien diga gie biex jara dawn il-postijiet. Kien hemm qbil illi nibaghtu applikazzjoni.

**7. Progett f'Gnien Dun Karm Vella**

7.1 Is-Sindku spjega fid-detall il-hsieb rigward dan il-progett. Is-Segretarju Ezekuttiv hareg il-pjanti tal-perit li jindikaw fejn ghandhom isiru l-funtana, il-bandli, l-outdoor gym, ecc. Is-Sindku qal illi ma konniex qeghdin naraw pjanta esklussiva u sempliciment xtaq juru x'inhuma l-hsibijiet qabel ma niehdu pass il-quddiem. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta wahda kellha ssir diskussjoni qabel. Is-Sindku qal illi dan il-progett se ssir biss jekk niehdu l-fondi. Il-Kunsill qabel illi jsir dan il-progett f'kaz illi niehdu fondi. Is-Sindku zied illi l-hajt ta' barra mhux se jintmiss.

**8. Progett mal-Kunsill Lokali ta' Zurrieq {fejn il-Mithna tax-Xarolla)**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi flimkien mas-Sindku, iltaqa mas-Sindku taz-Zurrieq u ma' kunsillier {is-sur D'Amato} u mas-Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill fejn huma qalu li jixtiequ jaghmlu progett biex jirrangaw l-area tal-Mithna fejn se jsiru toilets, gift shop, ecc. Peress illi parti mill-katakombi huma tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi jixtiequ permess biex isir hgieg fuq il-katakombi bhala protezzjoni tal-post {bhal m'hemm mal-katakombi ta' Hal Kirkop} biex ma jidholx ilma u trab go fihom. Huma kienu cari li jekk ma naccettawx se jaghmlu l-progett taghhom u l-area taghna se tibqa kif inhi u b'hekk isir nofs progett biss. Ghalhekk jixtiequ li nkunu nkluzi fil-progett.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li huma ma gewx hawn meta kellhom l-ewwel hsibijiet fuq dan il-progett. Is-Sindku qal illi forsi inizjelment l-iskop kien biex jaghmlu l-parti taghhom biss.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-parking area li hemm fejn il-Mithna taqa' fil-konfini taghna.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi sentejn ilu ghaddiet minn laqgha tal-Kunsill illi se ssir bandiera tar-rahal hemmhekk izda din qatt ma saret. Is-Sindku qal illi b'hekk inkunu qeghdin nisfidawhom u m'hemmx ghalfejn isir hekk. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk hemm possibilita li ngibu cwievet ghall-katakombi u s-Sindku qal illi se nipruvaw.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-izbal sar mill-bidu meta naqsu biex jghidulna dwar dan il-progett fl-istat inizjali taghha. Il-Kunsill qabel illi nahdmu maghhom jekk jaqblu mal-kundizzjonijiet taghna.

**9. Festa 2015**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-kunsilliera biex jaghtu xi hsibijiet taghhom dwar l-arrangamenti li ghandhom isiru ghall-festa. Dawn kien is-suggeriment tal-Kunsilliera

1. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-kunsilliera ghandhom ikunu jafu min se jkollu c-cwievet tal-bollards
2. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi rrid ikun hemm tabella bl-ismijiet ta' dawn in-nies ukoll.
3. Il-kunsillier Carlo Stivala ghamel talba biex ikolu l-informazzjoni fuq il-permessi u kif se jinqassmu l-gabbani, kif ukoll jixtieq kopja tal-permess.
4. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi huwa importanti li jkun hemm skips madwar ir-rahal biex inzommu l-post nadif kemm jista jkun.
5. Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi nordnaw il-floodlights ghal triq il-Kuccard {kif ukoll ghall-Pjazza}
6. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn ta' mobajl toilets f'triq il-Kuccard, kif ukoll wara l-Kazin tal-PN u dawn ghandhom jitbattlu kuljum.

9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-gimghat illi gejjin rapprezentanti tal-Kazin ghandhom jiltaqghu mal-ispettur biex jifthemu fuq il-bzonnijiet li hemm ghas-sigurta fiz-zmien tal-festa.

**10. Laqgha ma Safi A.F.C**

10.1 Fil-5.30pm waslu 2 rapprezentanti ta' Safi A.F.C, is-sur Anthony Sultana u s-sur Mark Mifsud. It-tnejn li huma rrigrazzjaw lill-Kunsill talli accettaw it-talba taghhom biex jiltaqghu maghhom. Huma resqu dawn it-talbiet fuq il-mejda:

1. Ghamlu talba biex juzaw il-grawnd tal-futbol ghat-training sakemm ikun possibli li jilaghbu fil-grawnd tal-iskola sekondarja ta' San Benedittu. Ghamlu talba biex juzaw il-grawnd kull nhar ta' Hamis bejn it-8 u d-9pm. Il-Kunsill qabel mal-proposta.
2. Is-sur Mark Mifsud ghamel talba biex ikun hemm kooperazzjoni mal-kunsillier li ghandu d-dekasteru tal-isport. Il-kunsillier Carlo Stivala kkonferma li ghandu kull interess illi jkun hemm dan il-kooperazzjoni bejn hu u t-tim.
3. Is-sur Mifsud qal illi r-rizorsi tar-rahal huma limitati u ghalhekk ghamel talba biex il-Kunsill jaghraf lil plejers li qeghdin ifittxu tim biex jinghaqdu mat-tim. Is-sur Sultana zied illi peress illi m'ahniex fl-MFA qeghdin nitilfu hafna talent lokali ghat-timijiet ohra. Il-kunsillier Carlo Stivala kkonferma li t-tim ta' Hal Kirkop huwa maghmul minn hafna plejers mir-rahal ta' Hal Safi. In-nursery ma jistax jikejterja ghal plejers bejn 13 u 16 il-sena u plejers ma jistaghux jinghaqdu ma Safi AFC qabel ma jaghlqu 16 u ghalhekk qeghdin nitilfu hafna minn dan it-talent.
4. Is-sur Mifsud talab illi nibaghtu fuljett lir-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li ahna nohorgu fuljett darbtejn fis-sena u Safi AFC ghandhom dritt juzaw ftit spazju tal-fuljett biex jirriklamaw il-club ahjar.
5. Is-sur Sultana ghamel talba biex ikun hemm konsultazzjoni mal-klubb meta jkun hemm mil-hsieb illi ssir 1-day tournament fir-rahal. Qal illi qed jaghmel din it-talba ghalhiex hafna drabi meta jkun hemm loghba tal-League, il-plejers ma jmorrux ghax minflok jiehdu sehem f'dawn it-turnaments u jsibu diffikulta biex jkollhom tim.
6. Is-sur Mifsud ghamel rikwest biex naraw x'possibilita hemm illi naghmlu gemellagg ma timijiet ohra.
7. Is-sur Mifsud staqsa jekk il-Kunsill jista joffri/jaf b'xi post illi l-club ikun jista juza bhala premises ufficjali tal-club. Il-kunsilliera taw xi proposti li jafu bihom halli l-club ikun jista jara x'possibilita hemm illi jikru post.

10.2 Il-kunsillier Carlo Stivala offra post fil-grupp sportiv ghal rapprezentant ta' Safi AFC.

10.3 Fis-6pm is-sur Mifsud u s-sur Sultana rringrazzjaw lill-kunsilliera wara li semmew il-hsibijiet kollha taghhom rigward l-iskop ta' din il-laqgha. Il-kunsilliera esprimew ix-xewqa taghhom illi jkun hemm club fir-rahal. Wara li rringrazzjaw lil xulxin is-sinjuri Mifsud u Sultana telqu.

**11.Updates: Fuljett**

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk hemm min joggezzjona ghal messagg partikolari li se jidher fil-fuljett tas-sajf wara li dawn il-messaggi gew iprovduti lil kull kunsillier flimkien mal-Minuti, hames t'ijiem qabel il-laqgha. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni u kien hemm qbil illi ghandhom johorgu kif inhuma.

**12. Hwejjeg Ohra**

Is-Sindku

12.1 qal illi rcieva talba mis-superjur biex il-pjazza tkun maghluqa nhar il-Gimgha 21 t'Awwissu {bejn is-6pm u d-9pm} ghall-attivitajiet illi qed jipjana hu. Dan ghamel talba biex il-Kunsill jaghti medalja u flixkun ilma lil kull partecipant ukoll. Il-Kunsill qabel. Il-pjazza xorta wahda se tkun maghluqa dakinhar peress illi jkun zmien il-festa.

12.2 qal illi hemm problema fit-triq Qerd in-Nahal fejn f'parti mit-triq hemm djar godda bil-basement u s-sid esprima l-biza tieghu li l-ilma se tibqa tidhol fil-basement tieghu meta tibda taghmel ix-xita. Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill ikkonferma li dan jista jigri u ghandu jara x'jista jsir biex nevitaw dawn il-problemi. Il-Perit diga qal illi ma jafx fejn se nwaddbu l-ilma u ghandu jistudja l-kaz ahjar. Is-Sindku qal illi ghandna nkunu ppreparati ghal spiza biex isir xi xoghol.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irrimarka li min bena kellu jara dawn l-affarijiet qabel u ma qabilx illi ghandna nhalsu ghal dawn in-nuqqasijiet tieghu. Is-Sindku rrisponda li xorta wahda hija responsabilita taghna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi forsi ssir xi bankina izda hu cert illi n-nies se joggezzjonaw peress illi hemm garaxxijiet. Rega qal illi ma qabilx illi ghandna nirrangaw il-problemi ta' haddiehor wara li huma naqsu biex jaghmluir-ricerka taghhom minn qabel. Zied ukoll illi l-Kunsill naqqas milli ghamel l-istess tip ta' xoghol fil-pjazza fejn qed izomm l-ilma, u ghalhekk mhux se jaccetta li dan ix-xoghol isir fl-interess ta' resident wiehed. Is-Sindku qal illi fil-pjazza ma joqoghdux residenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien ressaq il-proposta ghaliex residenti kienu nkwetati hafna. Zied illi l-Perit ta dan l-individwu ghandu jara kif se jirranga l-problema tieghu. Il-maggoranza tal-kunsilliera qablu li ssir ix-xoghol izda l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil oggezzjona li ssir bil-fondi tal-Kunsill.

12.3 qal illi l-haddiema tal-IPSL qalu illi l-pompa tal-latrina qed tehel ta' spiss u hemm bzonn illi tinbidel il-pompa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tieghu m'hemmx pompa hemm. Il-Kunsill se jara kemm tiswa pompa.

12.4 ressaq talba biex jinbidlu tlett bozoz fuq iz-zuntier tal-knisja wara li rcieva talba mill-Kappillan. Il-Kunsill qabel illi dan isir fuq l-ispejjez tal-Kunsill.

12.5 issugerixxa li d-DVD {dokumentarju} ikun ghall-bejgh ghal ghoxrin ewro. Il-Kunsill qabel ma dan kif ukoll mad-decizjoni li min hadem fuq il-progett jiehu kopja b'xejn. Il-Kunsill se jordna 100 kopja.

12.6 qal illi se ssir attivita fir-reading garden tal-iskola u qabel ma jsir hemm bzonn ta xoghol ta' manutenzjoni qabel ma jibdew. Il-haddiema qalu li ghandhom bzonn ikissru bicca tal-area u li hemm hafna fond u ghalhekk ghandhom bzonn hi-mac. L-iskop tal-iskola huwa li ssir EcoGarden. Qal illi l-Kunsill ghandu bzonn ihallas ghat-tile laying. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jaqbilx li noqoghdu nohorgu l-ispejjez ghall-entitajiet ohra u li ghandhom jaraw mal-FTS jekk hemm fondi li jistghu jaghmlu uzu minnhom. Kien hemm qbil illi ssir.

12.7 hareg petizzjoni li rcieva biex jitnehha parking bay ezistenti f'triq Ta' Gawhar li qeghda ta' 3.2mtrs biss. Is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv u l-kunsillier Carlo Stivala diga kkomunikaw ma' TM rigward dan il-parking bay u huma qalu li qeghda hemm irregolarment, kif ukoll illi ghandha ssir dotted yellow minflok. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi faccatta tal-parking bay hemm ukoll garaxxijiet illi ghandhom bzonn dotted yellows. Diga hemm dotted yellows quddiem dawn il-garaxxijiet izda l-Kunsill se jiffriskahom.

12.8 Ura ritratti tal-bankijiet illi saru fil-Gnien il-Helsien li juru l-hmieg tal-ghasafar fuqhom. Qal illi hadd ma joqghod bil-qeghda fuqhom minhabba hekk. Ressaq suggeriment biex isir caopy fuq dawn il-bankijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien diga qal illi se jkun hemm din il-problema meta ra l-pjanti. Qal illi dawn kellhom isiru fuq il-bankina u mhux fil-gnien. Il-Kunsill qabel illi jiehu stima ghall-canopy qabel ma tittiehed decizjoni. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm erba' dustbins hemm u jekk huwa possibli ghandna niehdu tnejn minnhom u nuzahom fil-pjazza minflok. Is-Sindku qal illi ghandna dustbins ukoll fil-garaxx. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi issa huwa tard wisq biex isiru l-arrangamenti li hemm bzonn fil-gnien. Is-Sindku qal illi minghajr il-problema tal-hmieg, kieku l-progett sar tajjeb u intoghgob hafna.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

12.9 staqsiet x'jista jsir fix-xelter tal-pjazza. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li hemm bzonn ta' bokka ohra, kif ukoll hemm bzonn illi nirrangaw il-problema fejn qed izomm l-ilma fil-parti fejn hemm it-tarag. Il-Perit ghandu jghidilna x'jista jsir. Wara dan kollu nkunu nistghu nifthu x-xelters ghall-pubbliku.

12.10 Semmiet il-problema f'triq il-Kuccard fejn kuntattur ghamel xoghol ta' scarifying li gie hazin u qeghdin jilmentaw hafna r-residenti. Dan diga gie diskuss f'laqghat precedenti. Qalet illi hemm problema simili f'parti ohra tat-triq ukoll. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf meta TM se jaghmlu x-xoghol mehtieg fit-triq halli jiehdu hsieb dan ix-xoghol fl-istess hin.

12.11 Ghamlet talba ghall-update rigward triq il-Kuccard. Il-Kunsill qed jistenna r-rapport minn Heritage Malta li s'issa naqqsu biex jirrispondu talba biex isir laqgha maghhom fuq dan is-suggett.

12.12 Qalet illi t-terrapin illi hemm fit-triq m'ghandux jibqa hemm sakemm isir it-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi diga avza lil haddiema tal-ETC biex imorru fuq il-post u jirrangaw il-problema.

12.13 Ma taqbilx mal-hajt illi ghamlu fl-istess triq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu u s-Sindku kienu diga avzaw f'laqgha precedenti li TM qalu lill-kuntrattur biex inehhi filata u li mhux se jhalsu ghall-filata extra li ghamel.

12.14 Issuggeriet illi nibdew grupp tal-iscouts fir-rahal. Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni u ghandha ssib tlett leaders.

12.15 Ghamlet talba lill-kunsilliera biex jibaghtu emajl b'lista t'attivitajiet li jixtiequ jaghmlu f'Awwissu.

12.16 Qalet illi hemm fanal fejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti li ghandha l-hsara. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tan-Nexos diga marru.

12.17 Semmiet 2 arbli f'triq San Tumas illi ghandhom bzonn jinbiddlu. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-fatt se jibghat ritratti taghhom.

12.18 ***Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ghaddew tlett sieghat u bi qbil tal-Kunsill ikomplu biex ilestu l-punti kollha tal-Agenda. Il-Kunsill qabel u l-laqgha tkompla.***

12.19 Resqet talba biex issir attivita ta' Scuba Diving u zjara sal-gzejjer ta' San Pawl. Il-Kunsill qabel.

12.20 Resqet proposta biex torganizza gurnata sa Sqallija u ghal skydiving. Il-Kunsill qabel.

12.21 Resqet proposta biex torganizza water games fil-bitha tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

12.22 Resqet proposta ghal canoeing f'Settembru wara d-domanda qawwija li kien hemm f'Lulju. Il-Kunsill qabel.

12.23 Resqet proposta biex isir harga sa Popeye's Village. Il-Kunsill qabel.

12.24 Ghamlet suggeriment illi taqqad grupp tas-Solidarita. Il-Kunsill qabel.

12.25 Qalet illi tiehu pjacir meta ssiru affarijiet ghal gid tar-rahal u riedet tghid illi fl-ebda hin ma riedet konflitt mal-kunsillier Carlo Stivala fl-ahhar laqgha. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jkunu hemm ghal xulxin u jahdmu id f'id ghal gid tar-rahal u tar-residenti.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

12.26 Qal dwar il-laqgha li kien hemm ma' TM fejn hu ppropona li ssir traffic management system. Qal ukoll illi fil-laqgha precedenti l-kunsillier Francis Callus kien staqsa jekk se jkun hemm spejjez ghal dan u TM ikkonfermaw illi le quddiem is-sur Stivala, is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Kompla billi qal illi r-rahal se jkun maqsum f'zoni u se jkun hemm konsultazzjoni man-nies qabel ma nressqu s-suggerimenti quddiem TM. Ikonferma li s'issa m'ghandux grupp komplut biex jghinu fis-sistema l-gdida.

12.27 Qal illi hemm kaxxa safra f'triq il-Kaccaturi li ghandha tkun parking normali.

12.28 Ghamel talba biex innehhu l-iskips on wheels f'triq Qerd in-Nahal. Bhala provi hu baghat ritratt tal-iskips biz-zibel madwaru lis-Segretarju Ezekuttiv biex il-kunsilliera jaraw l-istat taghhom fuq il-laptop. Il-kunsilliera qablu unaniment li jitnehhu l-iskips on wheels ta' Qerd in-Nahal.

12.29 Staqsa jekk jezistu Hawker Stands. TM kienu qalu li dawn ma jezistux. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm wahda fir-rahal u saret illegalment jew bhala pjacir.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

12.30 Staqsa ghalfejn ma tkompliex ix-xoghol ta’ patching fit-triq tal-Hlantun. Is-Sindku qal illi ma jmurx jara sa fejn waslu kull darba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-PAS hemm purchase ohra ghat-tarmak u dejjem jista jkun illi ma kellhomx bizzejjed biex ikomplu x-xoghol.

12.31 Qal illi hu jaf min kien responsabbli ghall-hruq tad-dome ta’ triq il-Kuccard u jhoss illi l-Kunsill gie disgwidat fuq li gara.

12.32 Ippropona li ssir laqgha pubblika peress illi din ma saritx qabel l-elezzjoni.

12.33 Qal illi ghandna naghmlu Katina mal-bollards ta’ Misrah San Guzepp. Ippropona wkoll illi ssiru stickers sofor li jixghelu bil-lejl fuq il-bollards illi saru fejn il-kappella ta’ Santa Marija, kif ukoll dawk illi hemm quddiem is-sorijiet.

12.34 Qal illi hemm bzonn illi jsir patching sura ta’ nies f’triq iz-Zurrieq.

12.35 Ilmenta li ma kien jaf b’xejn rigward Skola Sajf 2015. Is-Sindku qal illi mhux qed isir Skola Sajf u qed isir dak tal-gvern biss. Qal illi minhabba l-kompetizzjoni ma nistghux nikkejterjaw ghal dan.

12.36 Hareg ir-rendikont tal-bank li gie provdut lill-kunsilliera kollha qabel il-laqgha u staqsa kif hemm l-ammont ta’ 144,000 ewro fejn fil-passat kien hemm Lm90,000 {210,000 ewro}. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi ghadhom kif saru progett kapitali u zewg progetti ta’ tisbieh fost ohrajn u l-ispejjez bzonnjuzi {kontijiet} saru izjed expensive, waqt illi l-allokazzjoni baqa kif kien fil-passat. Zied illi xorta wahda ghandna b’xiex nahdmu ghalissa izda ms jistax isir progett kapitali ghalissa. Zied ukoll illi l-Kunsill dalwaqt ghandu jerga jiehu lura l-fondi tal-UIF ghall-progetti li saru fil-gnien Il-Helsien u f’Misrah San Mattew/triq Il-Hajt Ruman.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal:

12.37 Illi rcieva talba mis-supervisor tad-Day Centre biex noffru basic cable {TV} biex l-anzjani jaraw ftit televixin waqt illi jistennew fis-sala. Il-Kunsill qabel.

12.38 Qal illi hemm bzonn ta PABX system gdida fil-Kunsill u ghandu stima ta' madwar 660 ewro biex isir dan ix-xoghol. Qal illi qed iressaq dan is-suggeriment u stima ghaliex hafna drabi meta l-clerks jaghddu l-linja lis-Sindku jew lis-Segretarju Ezekuttiv, qed tinqata l-linja. Qal illi l-problema ilha tezisti u ghandha tinbidel biex naghtu servizz ahjar. Il-Kunsill qabel illi ssir ix-xoghol.

13. **Laqgħa li jmiss**

13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.40pm.

13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-11 ta' Awwissu 2015.

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard